

21.2.2024

A9-0031/3

Emenda 3

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0031/2024

David Cormand

L-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investment – rapport annwali 2023
(2023/2229(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***37a. Iħeġġeġ lill-BEI jinkorpora
proċessi ta' screening bir-reqqa għall-
korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-
finanzjament tat-terroriżmu fil-proċeduri
ta' diliġenza dovuta tiegħu;***

Or. en

21.2.2024

A9-0031/4

Emenda 4

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0031/2024

David Cormand

L-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investment – rapport annwali 2023
(2023/2229(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 37b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

37b. Jinsab imħasseb dwar l-involviment tal-BEI fi proġett tal-kumpanija tal-kostruzzjoni Kenjana Spencon li issa hija falluta, li juri li l-fondi tal-BEI ntużaw biex jitħallas tixħim lill-uffiċjali lokali jew biex jitħallsu attivitajiet illegali, inkluż pagament ta' EUR 80 000 fi flus kontanti lill-inġiniera għal spezzjonijiet fuq il-post ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ; jiddispjaċih li l-BEI għalaq il-każ malajr fl-2020 u fetħu mill-ġdid biss fl-2022 wara pressjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jiddispjaċih li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ma segwiex il-każ; jenfasizza li l-każ ta' Spencon jissottolinja l-ħtieġa li l-BEI jsaħħaħ il-qafas tiegħu kontra l-korruzzjoni, minkejja l-fatt li t-tixħim huwa prattika komuni f'ħafna pajjiżi fejn jopera l-BEI Globali;

Or. en

Emenda 5**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi**

f' isem il-Grupp ID

Rapport**A9-0031/2024****David Cormand**

L-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investment – rapport annwali 2023 (2023/2229(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 40***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

40. Ifakkar li l-fondi tal-BEI huma flus pubbliċi u li l-użu tagħhom għandu dejjem ikun soġġett għal skrutinju pubbliku u obbligu ta' rendikont; jirrikonoxxi li l-BEI huwa kklassifikat bħala “ġust” fuq l-Indiċi tat-Trasparenza tal-Investment Dirett Barrani tal-2023; jistieden lill-BEI jippubblika b' mod proattiv u fil-ħin, informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proġetti, inklużi r-raġunament u l-kuntest għall-proġetti, filwaqt li jispjega kif dawn jallinjaw ruħhom mal-għanijiet tal-politika tal-UE u javvanzawhom, u jistenna li l-BEI jillimita n-nuqqas ta' divulgazzjoni għall-eċċezzjonijiet applikabbli elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁵ u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006⁶; iħeġġeġ lill-BEI jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew tal-20 ta' Novembru 2023 mill-Kawża 2252/2022/OAM u tal-21 ta' April 2022 mill-Kawża 1251/2020/PB biex jippermetti valutazzjoni sinifikattiva tal-aspetti ambjentali u soċjali tal-proġetti li qed jikkunsidra għall-finanzjament;

40. Ifakkar li l-fondi tal-BEI huma flus pubbliċi u li l-użu tagħhom għandu dejjem ikun soġġett għal skrutinju pubbliku u obbligu ta' rendikont; jirrikonoxxi li l-BEI huwa kklassifikat bħala “ġust” fuq l-Indiċi tat-Trasparenza tal-Investment Dirett Barrani tal-2023; jistieden lill-BEI jippubblika b' mod proattiv u fil-ħin, informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proġetti, inklużi r-raġunament u l-kuntest għall-proġetti, filwaqt li jispjega kif dawn jallinjaw ruħhom mal-għanijiet tal-politika tal-UE u javvanzawhom, u jistenna li l-BEI jillimita n-nuqqas ta' divulgazzjoni għall-eċċezzjonijiet applikabbli elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001⁵ u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006⁶; iħeġġeġ lill-BEI jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew tal-20 ta' Novembru 2023 mill-Kawża 2252/2022/OAM u tal-21 ta' April 2022 mill-Kawża 1251/2020/PB biex jippermetti valutazzjoni sinifikattiva tal-aspetti ambjentali u soċjali tal-proġetti li qed jikkunsidra għall-finanzjament; ***jappella għall-pubblikazzjoni f'waqtha tal-minuti tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI;***

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta'

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta'

Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali. ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali. ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

Or. en

21.2.2024

A9-0031/6

Emenda 6

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0031/2024

David Cormand

L-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investment – rapport annwali 2023
(2023/2229(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

42a. Jinsab imħasseb li l-BEI, tal-anqas f'okkażjoni waħda, naqas milli jwettaq inkjesta sħiħa dwar allegazzjonijiet ta' tixħim u użu ħażin ta' fondi li jinvolve intermedjarju finanzjarju barra mill-UE; jistieden lill-BEI jiftaħ mill-ġdid dawn il-każijiet kollha u jiżvela kull sena r-rata ta' rkupru tal-fondi mislufa f'każ li frodi tiġi ppruvata;

Or. en

21.2.2024

A9-0031/7

Emenda 7

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi
f' isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0031/2024

David Cormand

L-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investment – rapport annwali 2023
(2023/2229(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***43a. Jinnota, bi tħassib, iż-żieda
kontinwa fil-kostijiet amministrattivi
ġenerali, primarjament minħabba ż-żieda
fil-kostijiet relatati mal-persunal; jistieden
lill-BEI jeżerċita dixxiplina fir-rigward
tal-kostijiet u jippreserva l-flessibbiltà u l-
effiċjenza tal-istruttura ta' ġestjoni
tiegħu;***

Or. en